**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 278/14 AL

**A B**
**[Karta tal-Identita' Nru: 517673(M)]**

***vs***

**C D E F**
**[Karta tal-Identita' Nru: 162912(L)]**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz taghha ppremettiet :

1. ILLI l-esponenti kienet iżżewġet lill-konvenut ta' nazzjonalita Malasjana, fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001), fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid, u dan kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A';

2. ILLI minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifla u cioe' S Tun An F, li twieldet fil-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) ġewwa Cambridge, fir-Renju Unit, u dunque minorenni, u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B';

3. ILLI ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-Liġi u cioe' tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut fosthom eċċessi, sevizzi u offiżi gravi;

4. ILLI l-esponenti ġiet debitament awtorizzata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha, kif jirriżulta mid-digriet hawn annes u mmarkat bħala Dok. 'C';

5. ILLI ma kienx possibbli li l-kontendenti jaslu għal ftehim ta' separazzjoni minħabba l-intransigenza tal-konvenut;

6. ILLI l-esponenti kellha per forza tintavola dawn il-proċeduri;

7. ILLI dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba li l-intimat irrenda ruħu ħati lejn martu l-esponenti b'eċċessi, sevizzi u offiżi gravi, u raġunijiet oħra serji li skont il-liġi jagħtu lok għal separazzjoni personali;

2. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-gid formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti, nkluż l-pretenzjonijiet tal-komunjoni kontra l-gid parafernali tal-konvenut, tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif ordnat u stabbilit min dina l-Onorabbli Qorti in vista, *inter alia,* tad-data stabbilita' minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat ħati tal-firda, u ddekada minn kull akkwist, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut u mhux bilfors f'sehem indaqs bejniethom, billi okkorrendo għall-finijiet ta' din it-talba, jiġi nominat perit sabiex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi;

4. Tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha dotali u parafernali tagħha.

5. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, salv l-aċċess tal-konvenut għall-minuri illi għandu jiġi eżerċitat fil-ġranet u l-ħinijiet illi jiġu appożitament stabbiliti mill-Onorabbli Qorti u salv kull provvediment li għandu jingħata sabiex l-intimat ma jaħrabx minn Malta bl-istess minuri;

6. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-bżonnijiet tal-wild minuri;

7. Tordna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti għall-bzonnijiet tal-wild minuri nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari;

8. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti għall-bzonnijiet tal-wild minuri dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, li għandhom jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, u ordni għall-ħlas dirett mis-salarju tal-intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikat, ma pprezentax ir-risposta tieghu u b'hekk hu kontumaci f'din il-kawza;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' April 2015, li permezz tieghu hatret lil Dr. Abigail Critien bhala perit legali f'din il-kawza.

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmija perit legali minnha mahlufa fil-31 ta' Mejju 2016; liema relazzjoni qeghda tigi riprodotta kif gej :

"1. Illi r-rikorrenti ipproċediet bil-kawża odjerna u permezz tar-rikors promotur tagħha iddikjarat is-segwenti:

1. Illi l-esponenti kienet iżżewġet lill-konvenut ta' nazzjonalita' Malasjana fis-6 ta' Jannar 2001 fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifla u ċioe' S Tun An F li twieldet fil-5 ta' Marzu 2003 ġewwa Cambridge fir-Renju Unit u dunque minorenni;

3. Illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-liġi u ċioe' tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut fosthom eċċessi, sevizzi u offiżi gravi;

4. Illi l-esponenti ġiet debitament awtorizzata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat it-3 ta' Novembru 2014 sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha;

5. Illi ma kienx possibbli li l-kontendenti jaslu għal ftehim ta' separazzjoni minħabba l-intransiġenza tal-kovenut;

6. Illi l-esponenti kellha per forza tintavola dawn il-proċeduri;

7. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ġiet umilment mitluba sabiex jogħġobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba li l-intimat irrenda ruħu ħati lejn martu l-esponenti b'eċċessi, sevizzi u offiżi gravi u

raġunijiet oħra serji li skond il-liġi jagħtu lok għal separazzjoni personali;

2. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa' 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-ġid formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti, nkluż l-pretenzjonijiet tal-komunjoni kontra l-ġid parafernali tal-konvenut tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif ordnat u stabbilit min dina l-Onorabbli Qorti in vista *inter alia* tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat ħati tal-firda, u ddekada minn kull akkwist, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut u mhux bilfors perit sabiex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi;

4. Tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha dotali u parafernali tagħha;

5. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, salv l-aċċess tal-konvenut għall-minuri illi

għandu jiġi eżerċitat fil-ġranet u l-ħinijiet illi jiġu appositament stabbiliti mill-Onorabbli Qorti u salv kull provvediment li għandu jingħata sabiex l-intimat ma jaħrabx minn Malta bl-istess minuri;

6. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-bżonnijiet tal-wild minuri;

7. Tordna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti għall-bżonnijiet tal-wild minuri nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari;

8. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti għall-bżonnijiet tal-wild minuri dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, li għandhom jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, nkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u ordni għall-ħlas dirett mis-salarju tal-intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

2. Illi l-intimat la preżenta Risposta ġuramentata skont il-liġi, la ttenta jiġġustifika n-nuqqas ta' tali Risposta ġuramentata u lanqas deher għas-seduta fid-data li għaliha ġiet apputata l-kawża u konsegwentement huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri

kif ġie ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' April 2015[1].

3. Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat il-21 ta' April 2015, l-esponenti ġiet maħtura bħala perit legali bis-soliti fakultajiet.

4. Illi in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha l-esponenti tiddikjara li quddiemha nżammu s-segwenti seduti:

1. Seduta datata l-10 ta' Ġunju 2015;
2. Seduta datata l-15 ta' Lulju 2015;
3. Seduta datata t-23 ta' Lulju 2015;

5. Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-mertu tal-każ odjern.

6. **Il-Provi Miġbura**

[1] Ara a fol 44 tal-proċess

Illi r-rikorrenti ntavolat nota ġuramentata[2] u li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:

1. Illi r-responsabbilita’ tas-separazzjoni għandha tingħata esklussivament lill-konvenut;

2. Illi għandha tingħata l-kura u l-kustodja tal-minuri binthom;

3. Illi ħlas ta’ manteniment għall-minuri mhux qed jitħallas da parti tal-intimat. Tippretendi ħlas ta’ manteniment kif ukoll nofs l-ispejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari;

4. Illi ż-żewġ partijiet jaħdmu u konsegwentement m’hemm ebda manteniment dovut lejn xulxin. Issostni pero’ li fi kwalunkwe każ, il-konvenut m’għandux dritt għall-manteniment mingħandha peress li hu ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

5. Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti tgħid li din tikkonsisti fis-segwenti:

[2] Liema nota hija esebita a fol 29 tal-proċess

a.

l-fond matrimonjali u ċioe' l-*maisonette* bin-numru 39 Triq tax-Xarolla Attard li tappartjeni lill-partijiet f'ishma ugwali. Tikkontendi li din għandha tinbiegħ b'dan li mir-rikavat, l-ewwel jitħallas id-dejn u mbagħad kwalsiasi ammont rimanenti jinqasam ugwalment bejniethom;

b.

Garaxx bin-numru 37, Triq tax-Xarolla Attard li wkoll huwa proprjeta' taż-żewġ partijiet f'ishma indaqs;

c.

Zewġ vetturi u ċioe' Audi A6 bin-numru ta' reġistrazzjoni DIX 017 u vettura oħra tal-marka Renault Megan bin-numru ta' reġistrazzjoni PAZ 010. Ir-rikorrenti tikkontendi li tixtieq iżżomm il-vettura Renault Megan filwaqt li l-konvenut jiġi assenjat il-vettura tat-tip Audi b'dan li tingħata kumpens għad-differenza fil-valur ta' bejniethom;

d.

Zewġ muturi li r-rikorrenti tgħid li għandhom jiġu assenjati lill-konvenut;

e.

Dejn ma' bank lokali li huwa gravanti l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' madwar €165,000 abbinat mal-

akkwist tad-dar matrimonjali.

Tippreżenta wkoll kopja tal-kuntratt ta' akkwist relattiv għad-dar matrimonjali u l-garaxx li jinsabu fi Triq tax-Xarolla Attard, liema kuntratt ġie publikat min-Nutar Dr. Andre' Farrugia nhar is-27 ta' Lulju 2012[3] kif ukoll il-*home loan facility* fl-ammmont ta' €170,000 mal-Bank of Valletta datata t-30 ta' April 2012[4] in konnessjoni mal-istess dar matrimonjali u l-garaxx imsemmija fil-paragrafu preċedenti.

Tressqu wkoll is-segwenti xhieda:

1. Joseph Saliba bħala rappreżentant tal-ETC li esebixxa l-*employment history* taż-żewġ partijiet (ara **Dok. JS1** u **Dok. JS2**) preżentati waqt is-seduta quddiem l-esponenti datata l-10 ta' Ġunju 2015. Minn tali dokumenti jirriżulta li l-attriċi taħdem fuq bażi *full-time* b'kuntratt indefinite mal-Ministeru tal-Edukazzjoni bħala għalliema filwaqt li l-intimat jirriżulta li huwa impjegat fuq bażi *full-time* b'mod indefinite ma' Fruitland Company Limited bħala *warehouse assistant*;

2. Roselyn Micallef in rappreżentanza ta' Mediterranean Bank Plc fejn mir-riċerka li saret fuq il-partijiet, ma nstab xejn u għalhekk kienet fin-negattiv;

---

[3] Ara Dok. A esebit a fol 55 tal-proċess

[4] Ara Dok. B esebit a fol 65 tal-proċess

3. Jeanette Lepre in rappreżentanza ta' Lombard Bank Plc fejn mir-riċerka li saret fuq il-partijiet mis-sena 2000 sal-lum, ma nstab xejn u għalhekk kienet fin-negattiv;

4. Elisa Agius in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange fejn mir-riċerka li saret fuq il-partijiet, ma nstab xejn u għalhekk kienet fin-negattiv;

5. Adrian D'agata in rappreżentanza ta' Mapfre Middelesea fejn mir-riċerka li saret fuq il-partijiet sabet polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjeta' 37 u 39 Triq tax-Xarolla Attard intestate f'isem iż-żewġ partijiet (ara **Dok. AD1** esebit waqt is-seduta quddiem l-esponenti datata l-10 ta' Ġunju 2015);

6. Rebecca Micallef in rappreżentanza ta' APS Bank Limited fejn mir-riċerka li saret fuq il-partijiet mis-sena 2000 'il quddiem, ma nstab xejn u għalhekk kienet fin-negattiv;

7. Peter Paul Sacco in rappreżentanza ta' Banif Bank fejn mir-riċerka li saret fuq il-partijiet, ma nstab xejn u għalhekk kienet fin-negattiv;

8. Joseph Caruana in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Plc li mir-riċerka li saret irriżulta li hemm *current account* f'isem l-intimat b'bilanċ ta' €14,56 (ara **Dok. JC1** esebit waqt is-

seduta quddiem l-esponenti datata l-10 ta' Ġunju 2015) u *savings account* ukoll f'isem l-intimat li għandu bilanċ ta' €453.43 (ara **Dok. JC2** esebit waqt is-seduta quddiem l-esponenti datata l-10 ta' Ġunju 2015). Instabu wkoll *joint accounts* f'isem il-partijiet u ċioe' **Dok JC3** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu) li huwa *house-loan* li żbilanċ ta' €156,525.95 u **Dok JC4** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu) li huwa *savings account* b'bilanċ ta' €4.26. Ix-xhud iżid jgħid ukoll li mill-BOV inxtraw funds tal-Valletta Fund Management li ma kienx f'posizzjoni li jixhed dwarhom li pero' jidhru li huma miġbudin kollha. Fuq l-attriċi sab is-segwenti dokumenti:

**Dok JC5** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu): *current account* li nfetaħ fis-6 ta' Marzu 1999 u ingħalaq fis-7 ta' Novembru 2005;
**Dok JC6** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu): *savings account* li nfetah fl-1 ta' Jannar 1992 u li sat-8 ta' Ġunju 2015 kien fih bilanċ ta' €162.21;

**Dok JC7** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu): *term deposit* li nfetaħ fl-1 ta' Ġunju 2004 u għalaq fit-23 ta' Novembru 2004;

**Dok JC8** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu): *current account* li nfetaħ fit-13 ta' Lulju 2010 u li sat-8 ta' Ġunju 2015 kien fih bilanċ ta' €0.12;

**Dok JC9** (esebit waqt l-istess seduta msemmija f'dan il-paragrafu): *visa skypass* bi żbilanċ ta' €2,948.86

9. Stephen Cachia in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li jiddikjara li sab żewġ vetturi intestati f'isem l-attriċi u ċioe' l-vettura bir-reġistrazzjoni PAZ 010 tat-tip Renault Megan u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBL 887 tat-tip Audi (ara **Dok. SC1** esebit waqt is-seduta quddiem l-esponenti datata l-15 ta' Lulju 2015) u vettura waħda (preċiżament mutur) intestat fuq isem l-intimat li hu tat-tip Honda CBR bin-numru ta' reġistrazzjoni F 888 (ara **Dok. SC2** esebit waqt is-seduta quddiem l-esponenti datata l-15 ta' Lulju 2015);

10.

Robert Vassallo in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta preċiżament ir-Reġistratur tal-bastimenti żgħar u r-Reġistratur tal-bandiera Maltija li jgħid li ma sab ebda dgħajsa reġistrata f'isem il-partijiet;

11.

Robert Grech in rappreżentanza ta' Valletta Fund Management jgħid li mir-riċerka li għamel fuq il-partijiet ma sab ebda investiment f'isimhom preżenti (kif jirriżulta minn **Dok. RG1 – RG3** esebiti waqt is-seduta quddiem l-esponenti datata l-15 ta' Lulju 2015) iżda kif jirriżulta mill-

istess dokumenti, fil-passat jirriżulta li kien hemm investimenti;

12.

Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta Plc tiddikjara li mir-riċerka li saret fuq kontijiet bankarji f'isem il-partijiet, ma nstab xejn u għalhekk kienet fin-negattiv. Imbagħad l-istess xhud, permezz tax-xhieda tagħha datata t-23 ta' Lulju 2015 tiddikjara li għamlet riċerka wkoll fuq investimenti f'isem il-partijiet u din ukoll irriżultat fin-negattiv;

13.

Chris Cilia in rappreżentanza ta' Fruitland Company Limited jippreżenta **Dok. CC1** li juri li l-intimat ilu jaħdem ma' tali kumpanija sa' mit-30 ta' Ottubru 2014 fuq bażi *full-time* b'mod indefinit. Jesebixxi **Dok. CC2** u **Dok. CC3** li huma l-FS3s għas-snin 2014 (li turi li f'xahrejn kellu introjtu *gross* ta' €2408) u 2015 (li juri li bejn il-perjodu ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Mejju 2015 l-intimat kellu introjtu ta' €7984) u **Dok. CC4** sa' **Dok. CC8** li huma l-*pay-slips* minn Jannar 2015 sa' Mejju 2015. Kif jirriżulta mill-aħħar *pay-slip* esebita, l-paga *gross* tal-intimat tidher li hija dik ta' €1118.23.

7. **<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi</u>**

Permezz tal-affidavit tagħha[5] r-rikorrenti tgħid li ltaqgħet mal-konvenut permezz tal-*internet*. Saret taf li hu mill-Malasja u li jgħix l-Ingilterra u wara li tkellmu ddeċidiet li tmur l-Ingilterra biex jiltaqgħu wick imb'wiċċ. Minn hemm nibtet ir-relazzjoni tagħhom b'dan li l-istess rikorrenti anke marret tgħix l-Ingilterra għal xi żmien sakemm iddeċidew li jiġu lura Malta. Tiddiskrivi l-għerusija tagħhom bħala waħda normali b'dan li l-konvenut huwa raġel riservat u li għalhekk ma setgħetx tieħu idea ċara tal-karattru veru tiegħu. Iddeċidew li jiżżewġu u wara ż-żwieġ reġgħu marru l-Ingilterra.

Ftit wara ż-żwieġ beda joħroġ il-veru karattru tiegħu b'dan li kien iwaħħal fiha għal kull problema li tinħoloq u kien anke jgħajjarha. Huwa f'dan is-sens li tgħid li kien verbalment vjolenti magħha apparti li wara kien jagħmel xi xahar ma jkellimhiex. Għar-rikorrenti tali aġir kien stramb u mhux aċċettabbli. Tirrakkonta li mhux l-ewwel darba li wara argument fil-karozza kien jaqbad u jsuq b'sewqan eċċessiv (anke f'Londra). Iżżid tgħid li meta ġabet qattusa d-dar ukoll dam xahar ma jkellimha (apparti li mar jorqod f'kamra oħra) għaliex sostna li kellha tieħu l-permess mingħandu qabel ma ddaħħal qattusa d-dar. Iżżid tgħid li "***kien kontinwament juża rikatt emozzjonali u vjolenza psikoloġika***"[6]. Tgħid ukoll li hu bniedem irresponsabbli u li m'għandux kont ta' x'jonfoq għaliex jekk joħlom b'xiħaġa jkun irid jagħmilha. Eżempju ċar hu meta

[5] Esebit a fol 36 tal-proċess

[6] Ara a fol 36 tal-proċess

ddeċieda li jrid jiftaħ *car wash* - xtara l-apparat kollu biex imbagħad irriżulta li ma kienx vijabbli u spiċċa biex lanqas irkupra l-ispejjeż li għamel (liema spejjeż kienu telgħu fl-eluf).

Fis-sena 2003 twieldet il-minuri u ħasbet li issa l-konvenut kien ser jimmatura u jsir aktar responsabbli iżda dan ma kienx il-każ. Anke l-fatt li l-minuri twieldet bil-kondizzjoni magħrufa bħala *selective mutism* għall-intimat kien it-tort tal-istess rikorrenti. Tgħid li tali fatt weġġagħha ħafna għaliex fil-verita' m'għandha ebda ħtija għal din il-kondizzjoni. Ir-relazzjoni ta' bejniethom kompliet tmur għall-agħar.

Fis-sena 2005 intavolat proċeduri ta' divorzju ġewwa l-Ingilterra iżda sussegwentement irtirathom minħabba l-minuri għaliex xtaqet li bintha ma titlax f'ambjent fejn il-ġenituri tagħha huma mifrudin.

Fir-rigward tat-tifla tgħid li l-konvenut dejjem żamm distakk minn bintu b'dan li anke jekk tagħmel xiħaġa ta' tifla li hi, kien jagħmel xahar ma jkellimhiex. Tiddikjara li għal dak li jirrigwarda l-minuri, r-rikorrenti tagħmel kollox waħedha peress li l-konvenut ma jgħin b'xejn għajr mill-aspett finanzjarju. Ma jieħu ebda interess f'bintu u kienet dejjem hi li ħadet ħsieb l-istess minuri biex taraha timxi 'l quddiem. Tgħid li l-minuri komda tgħix magħha (anke minħabba l-kondizzjoni tagħha) filwaqt li min-naħa tiegħu l-konvenut lanqas meta ma jkunx xogħol ma jqatta' ħin ma' bintu għaliex jagħmel ġurnata sħiħa rieqed u ma

jagħmel ebda sforz biex ikollu ħin magħha bir-riżultat li preżentement ir-relazzjoni tiegħu mal-istess minuri marret lura ħafna.

Imbagħad waqt is-seduta datata t-23 ta' Lulju 2015 miżmuma mill-esponenti, l-attriċi tippreżenta l-FS3s tagħha relattivi għas-snin 2013 (ara **Dok. CB1** esebit waqt l-istess seduta msemmija u li juri li f'dik is-sena l-introjtu *gross* tagħha kien jammonta għal €20,815.41) u 2014 (ara **Dok. CB2** esebit waqt l-istess seduta msemmija li juri li f'dik is-sena l-introjtu *gross* tagħha kien jammonta għal €21,590.25). Tispjega wkoll li minkejja li l-partijiet għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf, żewġha m'għandux interess f'bintu. Jew ikun ix-xogħol jew jorqod. Tispjega li ma tantx hemm komunikazzjoni bejnu u bejn binthom tant li lanqas biss kien jaf li waslu r-riżultati tagħha u lanqas biss ħa interess jistaqsiha dwarhom. Tispjega li l-minuri "***tbati minn anzjeta' qawwija li twassal għal selective mutism (ma titkellimx barra mid-dar sakemm ma jkunx xi ħadd li hi tħossha komda magħha. Ma tagħmilx konversazzjonijiet ma' barranin jew xi ħadd li ma tantx taf). Fuq homework ngħinha jien biss. L-intimat ma jagħtix każ anzi jaqbad u jixgħel it-TV anke meta tkun qed tistudja. Trid tgħidlu hi biex jitfih. Hu immatur mhux kattiv pero' t-tifla ma tistaqsihx għal parir għax m'hemmx relazzjoni bejniethom. Għalih xogħolu bħala missier hu li jaħdem u jaqla' l-flus u xejn aktar***".

Tagħlaq billi tgħid li kien hemm ftehim verbali li l-intimat iħallas is-somma ta' €200 fix-xahar bħala manteniment flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni għal binthom u dawn jgħaddihom pero' tippreċiża li qiegħda tippretendi aktar peress li t-tifla qed tikber.

8. **<u>Dwar it-Talba għas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' tal-istess Separazzjoni</u>**

Dwar l-ewwel talba attriċi, l-esponenti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

L-esponenti wara li semgħet ix-xhieda tal-attriċi (li bl-ebda mod m'hija kontradetta u li dwarha l-istess esponenti m'għandha ebda raġuni għala ma tatihiex kredibilita'), hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja għas-separazzjoni personali bejniethom. L-esponenti hija konvinta li

kien proprju minħabba l-aġir tal-intimat li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser. Għalhekk, fid-dawl ta' dan fl-umli opinjoni tal-esponenti jirriżulta li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konsegwentement, fl-umli opinjoni tal-esponenti l-ewwel talba għandha tiġi milqugħa b'dan li l-intimat jitqies responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejniethom.

9. **Dwar l-Applikazzjoni tad-Disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili applikabbli Kontra l-Intimat**

L-esponenti tirrileva li l-attriċi titlob li jiġu applikati *in toto* jew *in parte* l-Artikoli 48 sa' 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat. Għal finijiet ta' kjarezza ser jiġi ċitat l-Artikolu 48 *stante* li huwa l-aktar Artikolu applikabbli għall-każ odjern u li jgħid hekk:

"(***1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ***".

L-esponenti, kif diġa' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija tal-umli opijoni l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ l-esponenti tissottometti li għandhom jiġu applikati l-Artikolu 48(1)(a) u (d) fil-konfront tal-intimat u dan *stante* li mill-provi ma jirriżultax li kien hemm xi assi li ġew akkwistati fiż-żwieġ l-aktar bil-ħidma tal-attriċi u aktar u aktar mhux possibbli li tiġi stabbilita data għall-finijiet tal-Artikolu 48 (1)(ċ) ċitat aktar 'il fuq.

10. **<u>Dwar ix-Xoljiment u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

L-esponenti umilment tirrileva li dawn it-talbiet huma wkoll konsegwenzjali għat-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet u li konsegwentement huwa neċessarju li abbażi tas-separazzjoni

personali tagħhom, il-komunjoni tal-akkwisti viġenti tiġi xolta u likwidata.

Jiġi rilevat li fil-mori tal-proċeduri tressqu diversi xhieda li permezz tagħhom ġie stabbilit x'inhu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ċioe' s-segwenti:

a. Id-dar matrimonjali flimkien mal-garaxx bin-numri 39 u 37 rispettivament fi Triq tax-Xarolla Attard;

b. Dejn abbinat mal-akkwist tad-dar matrimonjali u l-garaxx imsemmija fil-paragrafu preċedenti u li sas-seduta tal-10 ta' Punju 2015 kien jammonta għal €156,525.95;

c. Il-vettura tat-tip Audi bin-numru ta' reġistrazzjoni DIX 017 intestata f'isem l-attriċi;

d. Il-vettura tat-tip Renault Megan bin-numru ta' reġistrazzjoni PAZ 010 intestata f'isem l-attriċi;

e. Mutur tat-tip Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni F 888 intestat f'isem l-intimat;

f. Żewġ (2) *joint accounts* mal-Bank of Valletta Plc (inkluż dak abbinat mal-faċilita' bankarja għall-akkwist tad-dar matrimonjali u l-garaxx imsemmija);

g. Żewġ kontijiet u ċioe' wieħed *savings* u l-ieħor *current* f'isem l-intimat mal-Bank of Valletta;

h. Żewġ kontijiet u *Flypass card* intestati mal-Bank of Valletta Plc f'isem l-attrici;

L-esponenti umilment tħoss li għal finijiet ta' ġustizzja (u dan anke in vista tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-attriċi permezz tan-nota ġuramentata tagħha kif ukoll abbażi tal-fatt li l-intimat fl-umli opinjoni tal-esponenti huwa responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ), l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi xolta u diviża f'żewġ porzjonijiet b'dan li d-dar matrimonjali u l-garaxx għandhom jibqgħu in komuni bejniethom u jitpoġġew għall-bejgħ minnufih bi prezz maqbul bejniethom. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, l-esponenti tħoss li din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lill-partijiet sabiex iġibu tliet (3) stimi bejniethom u jittieħed *average* tal-prezz jew inkella jitqabbad Perit Arkitett sabiex jagħmel valutazzjoni tal-istess proprjetajiet. L-esponenti umilment tħoss ukoll li sakemm id-dar tinbiegħ iż-żewġ partijiet għandhom ikollhom id-dritt li jgħixu fl-istess dar b'dan pero' li ż-żewġ partijiet ikunu awtorizzati li jiżgumbraw mill-istess dar wara l-pronunzja tas-separazzjoni personali tagħhom. Kwantu għall-kontijiet konġunti li għandhom bejniethom l-esponenti umilment tħoss li dawn għandhom jingħalqu b'dan li r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom iżda b'eċċezzjoni tal-kont mal-Bank of Valletta Plc relatat u abbinat mal-faċilita' bankarja li ttieħdet sabiex jiġu akkwistati d-dar matrimonjali u l-garaxx li

għandu jibqa' konġunt bejniethom sakemm jinbiegħu l-istess dar u garaxx. Spejjeż relatati mal-faċilita' bankarja inklużi l-pagamenti mensili, l-ħlas tal-polza ta' assigurazzjoni abbinata mal-istess u kull spiża oħra abbinata mal-istess dar u garaxx għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Il-polza ta' assigurazzjoni abbinata mal-istess dar u garaxx għandha tibqa' titħallas ugwalment bejn il-partijiet bħall-pagamenti mensili tal-faċilita' bankarja b'dan li jekk xi wieħed mill-partijiet jonqos milli jħallas s-sehem dovut minnu, allura tali ammont għandu jitnaqqas mis-sehem tal-istess parti li tkun naqset milli tħallas mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar.  Kwantu għall-assi u d-dejn li jirriżultaw mill-provi u li huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-esponenti umilment tirrileva u tipproponi s-segwenti qasma:

**<u>Porzjon A assenjat lill-attriċi</u>**:

i. Il-kontijiet kollha bankarji kif ukoll kull *credit* u / jew *debit card* intestati f'isimha għandhom jitqiesu bħala l-proprjeta' esklussiva tagħha;

ii. Is-somma ta' €1474.43 rappreżentanti nofs id-dejn fuq il-*Flypass Card*, liema somma għandha titħallas lill-attriċi mill-intimat;

iii. Il-vettura tal-marka Renault Megan bin-numru ta' reġistrazzjoni PAZ 010. Għal finijiet ta' kjarezza jrid jingħad

li l-attriċi għandha tassumi kull dejn, kull ċitazzjoni u kull responsabbilita' relattiva għal-liċenzja u l-polza ta' assigurazzjoni abbinata ma' tali vettura;

**<u>Porzjon B assenjat lill-intimat</u>**:

i. Il-kontijiet kollha bankarji kif ukoll kull *credit* u / jew *debit card* intestati f'ismu għandhom jitqiesu bħala l-proprjeta' esklussiva tiegħu;

ii. Il-vettura tat-tip Audi A6 bin-numru ta' reġistrazzjoni DIX 017. Għal finijiet ta' kjarezza jrid jingħad li l-intimat għandu jassumi kull dejn, kull ċitazzjoni u kull responsabbilita' relattiva għal-liċenzja u l-polza ta' assigurazzjoni abbinata ma' tali vettura. Min-naħa tagħha l-attriċi għandha tassigura li tiffirma u tagħmel kull att li hu neċessarju sabiex tali vettura tibda ssejjaħ lill-intimat b'mod esklussiv;

iii. Il-mutur tat-tip Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni F 888. Għal finijiet ta' kjarezza jrid jingħad li l-intimat għandu jassumi kull dejn, kull ċitazzjoni u kull responsabbilita' relattiva għal-liċenzja u l-polza ta' assigurazzjoni abbinata ma' tali vettura.

L-esponenti f'dan l-istadju trid tirrileva li mill-provi ma jirriżulta ebda valur tal-istess vetturi u mutur imsemmija u li ġew assenjati lill-partijiet u għalhekk l-istess esponenti kienet

prekluża milli tagħmel xi forma ta' ekwiparazzjoni dwar il-vetturi li ġew assenjati lill-partijiet.

11. **<u>Dwar it-Talba Sabiex l-Attriċi tieħu lura l-beni dotali u parafernali tagħha</u>**

Illi l-esponenti umilment tirrileva li dwar tali talba, l-attriċi ma tressaq ebda prova u lanqas ma ssemmi xi assi li jistgħu jitqiesu bħala parafernali jew personali. Fix-xhieda tagħha ma ssemmi xejn li jista' jindika li hemm xi oġġetti dotali jew parafernal li għandha dritt għalihom u għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma tgħid xejn fuq tali pretensjoni, l-esponenti hija tal-umli opinjoni li tali talba għandha tiġi miċħuda abbażi ta' nuqqas ta' provi.

12. **<u>Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja esklussiva tal-minuri b'aċċess favur l-intimat</u>**

L-esponenti umilment tirrileva li kwistjonijiet ta' kura u kustodja jridu jiġu deċiżi abbażi ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri u għalhekk d'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[7] fejn ġie dikjarat li "**Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-**

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947

**interess tal-istess tfal**". Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[8] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[9] fejn ġie ritenut li "**r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal**".

L-esponenti fl-ewwel lok tirrileva li mix-xhieda (li bl-ebda mod m'hi kontradetta) jirriżulta li l-minuri ma tkellimx barranin u li tbati minn kondizzjoni msejjħa *selective mutism*. Jirriżulta wkoll li hija l-attriċi li kważi b'mod esklussiv tieħu ħsieb lill-minuri għaliex anke jekk l-intimat għadu jgħix taħt l-istess saqaf mal-minuri, ma jafx x'inhu għaddej f'ħajjitha u lanqas jirrealizza li għandu bżonn jikkomunika magħha. Għalih, kif tgħid l-attriċi, l-importanti li qed jaqdi dmiru kwantu li jħallas xi forma ta' manteniment b'dan li r-responsabbilitajiet tiegħu bħala missier jieqfu hemm. Tant hu hekk li l-istess intimat la jressaq xi forma ta' risposta ġuramentata u wisq anqas xi kontro-talba biex jipprova jiġġieled għall-minuri jew għall-anqas jaċċerta ruħu li jkollu l-opportunita' li jaraha u li jkollu aċċess għaliha. Fl-umli opinjoni tal-esponenti tali nuqqas ta' interess ikompli jikkonferma dak li ssostni l-attriċi.

Fil-kuntest ta' dan kollu, l-esponenti ma tistax ma tagħtix kredibilita' lll-attriċi li turi kemm verament qiegħda tieħu ħsieb lill-minuri bl-aħjar mod possibbli u dan b'mod esklussiv u

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

mingħajr ebda forma ta' għajnuna prattika da parti tal-intimat. Tali nuqqas ta' interess assolut fil-minuri juri li l-istess intimat m'huwiex idoneju biex ikun fdat bil-kura u l-kustodja ta' bintu, anke jekk b'mod konġunt mal-omm għaliex jekk lanqas hu kapaċi jikkomunika mal-minuri meta qed jgħixu taħt l-istess saqaf aħseb u ara kemm ser jagħmel sforz meta s-sitwazzjoni tinbidel ma jibqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf. Min-naħa l-oħra, l-fatt li l-intimat ma jurix interess f'bintu ma jfissirx awtomatikament li l-minuri għandha tkun fdata f'idejn l-omm. Irid jiġi aċċertat li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

Iżda mill-provi esebiti kif ukoll mill-fatt li l-attriċi tieħu ħsieb lill-minuri prattikament waħedha għaliex m'għandha ebda forma ta' għajnuna da parti tal-intimat (ħlief għall-ħlas ta' manteniment), jirriżulta lill-esponenti li m'hemm xejn mill-provi li jinduċiha li l-attriċi ma tqisx l-aħjar interessi ta' bintha. Dan iwassal lill-esponenti sabiex tiddikjara li fl-umli opinjoni tagħha l-attriċi hija kapaċi li tiddeciedi li verament huwa fl-aħjar interessi tal-minuri u li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri għandha tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-istess attriċi b'dan li l-istess minuri tgħix mal-omm. Dan ifisser li għandha tkun l-istess attriċi li b'mod esklussiv tieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, inkluż deċiżjonijiet straordinarji ta' saħħa, edukazzjoni u safar b'dan li l-passaport għandu jinżamm mill-istess attriċi. *Stante* li l-attriċi, dejjem fl-opinjoni tal-esponenti għandha tingħata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, l-istess esponenti umilment tħoss ukoll li l-istess attriċi għandha tiġi awtorizzata li b'mod

esklussiv tiffirma fuq il-passaport tal-minuri mingħajr il-firma tal-intimat sabiex b'hekk tiġi evitata wkoll il-possibilita' li l-intimat jaħrab bil-minuri. Il-passaport relattiv tal-minuri għandu jinżamm mil-attriċi b'dan li l-minuri għandha jkollha l-opportunita' li ssiefer mal-attriċi mingħajr il-kunsens tal-intimat iżda sabiex l-istess minuri tkun tista' ssiefer mal-intimat, ikun hemm il-bżonn li l-istess attriċi tiffirma dokument bil-miktub.

Dwar l-aċċess, *stante* li jirriżulta li l-intimat ftit li xejn għandu interess f'bintu u lanqas intavola xi forma ta' risposta biex jaċċerta ruħu li jkollu aċċess adegwat għal bintu u *stante* li jirriżulta li l-minuri għandha ċertu diffikultajiet l-esponenti umilment tħoss li l-aċċess versu l-intimat għandu jkun limitat kwantu għal darba fil-ġimgħa għal tliet (3) siegħat b'dan l-istess aċċess jiżdied bil-mod il-mod fi żmien sitt (6) xhur għal darbtejn fil-ġimgħa għal tliet (3) siegħat kull darba fi ġranet li jiftehmu dwarhom il-partijiet. Wara sena u dejjem f'każ li l-aċċess jiġi eżerċitat b'mod regolari allura l-aċċess jiżdied kwantu għal tliet (3) darbiet fil-ġimgħa għal tliet (3) siegħat kull darba dejjem bi ftehim bejn l-istess partijiet tenut kont tal-attivitajiet u l-appuntamenti li jista' jkollha l-minuri minħabba l-kondizzjoni tagħha.

13. **<u>Dwar it-Talba għall-manteniment għall-minuri</u>**

L-esponenti tagħmel referenza għall-fatt li mill-atti jirriżulta li ż-żewġ partijiet jaħdmu b'dan li t-tnejn li huma għandhom introjtu

tajjeb li jassigura li l-minuri m'hi ser jonqosha xejn. L-attriċi tikkontendi li l-partijiet kienu ftehmu fuq l-ammont ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar *oltre* nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni. Illum qed tippretendi aktar għaliex tikkontendi li l-minuri dejjem qed tikber. Jiġi rilevat pero' li fil-mori tal-kawża, l-attriċi ma ressqet ebda rikors sabiex jiġi stabbilit xi forma ta' manteniment *pendente lite*. Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi u wara li l-esponenti rat id-dokumenti esebit in atti u tenut kont tal-fatt li l-minuri ser tkompli tirrisjedi flimkien mal-omm, l-esponenti umilment tħoss li filwaqt li s-somma ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar *oltre* nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni huwa biss il-minimu stabbilit *ormai* mill-Qrati tagħna, fil-każ odjern (anke in vista tal-paga li għandu l-intimat u in vista tal-kondizzjoni li tbati minnha l-minuri) li l-manteniment għandu jkun dak ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba' (4) ġimgħat.

14. **<u>Dwar it-talba għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri flimkien ma' nofs l-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari</u>**

L-esponenti, filwaqt li tagħmel referenza għal dak li għadu kif ingħad fil-paragrafu preċedenti, taqbel mal-attriċi li l-intimat għandu jiġi ordnat iħallas ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri u dan naturalment *oltre* l-manteniment likwidat fl-istess paragrafu preċedenti. Jirriżulta ampjament li l-intimat għandu introjtu tajjeb u għalhekk m'għandu jkun hemm ebda diffikulta' li jitħallas la l-manteniment

u lanqas nofs l-ispejjeż tal-minuri għas-saħħa u l-edukazzjoni, dejjem bil-preżentata ta' riċevuti. Iżda l-esponenti tħoss li ma jkunx ġust u ekwu li l-intimat jiġi ordnat iħallas ukoll għal nofs l-ispejjeż relattivi ta' kull attivita' extra-kurrikulari li tista' tagħmel il-minuri għaliex l-esponenti wisq tibża' li tali dritt ikun ta' inċentiv sabiex il-minuri tagħmel kull forma ta' attivita extra-kurrikulari bil-għan li jitnaqqar l-aċċess tal-intimat. L-esponenti tifhem l-importanza tal-attivitajiet extra-kurrikulari li jgħinu fl-iżvilupp tal-minuri u għalhekk fiċ-ċirkustanzi tħoss li l-intimat għandu jiġi ordnat iħallas biss nofs l-ispejjeż ta' attivita' extra-kurrikulari waħda li tagħmel il-minuri, dejjem flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni kollha.

15. **<u>Dwar il-Modalita' tal-Ħlas tal-Manteniment</u>**

L-esponenti tirrileva li mill-atti jirriżulta (u dan kif tikkonferma l-attriċi stess) li l-intimat qatt ma kellu xi forma ta' problema biex iħallas il-manteniment. Tant hu hekk, li l-istess attriċi lanqas ħasset il-bżonn li tintavola rikors għal dan il-għan sempliċiment għaliex il-manteniment pattwit bejniethom kien qiegħed jitħallas mingħajr problemi ta' xejn. Min-naħa l-oħra, l-esponenti tifhem li ċ-ċirkustanzi bejn il-partijiet dejjem jistgħu jinbidlu, speċjalment meta l-partijiet ma jibqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf u għalhekk tħoss li jkun għaqli li l-istess attriċi tiwġi awtorizzata minn issa sabiex l-imsemmi manteniment jibda jinqata' direttament mill-paga tal-intimat.

Għall-finijiet ta' żmien li l-istess manteniment għandu jibqa' dovut, l-esponenti umilment tħoss li l-istess manteniment għandu jibqa' jitħallas *di fermo* sal-eta' ta' tmintax (18) –il sena mill-intimat. Wara dik l-eta' u sal-eta' massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena, il-manteniment jibqa' dovut biss jekk il-wild tkun qed tistudja fuq bażi *full-time*. F'każ li l-wild, wara l-eta' ta' tmintax (18) –il sena ma tibqax tgħix mal-omm, allura l-manteniment għandu jitħallas direttament mill-intimat lill-wild stess. L-esponenti umilment tħoss ukoll li l-manteniment likwidat fil-paragrafi ċitati aktar 'il fuq għandu jgħola kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

16. **Konklużjoni**

Illi, in vista ta' dak suespost l-esponenti hija tal-umli fehma li prevja ż-żmien li għandu jingħata l-intimat għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu *stante* li hu kontumaċi f'dawn il-proċeduri, t-talbiet attriċi għandhom jiġu deċiżi bil-mod segwenti:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija imputabbli lill-intimat;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tapplika fil-konfront tal-intimat l-Artikoli 48(1) (a) u (d) fil-konfront tal-intimat;

(3) Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti hekk kif stabbilit fil-paragrafu intitolat ‘**<u>Dwar ix-Xoljiment u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**’ b’dan li l-attriċi għandha tiġi assenjata dak kollu kontenut f’Porzjon A imsemmi fl-istess paragrafu filwaqt li l-intimat għandu jiġi assenjat dak kollu kontenut f’Porzjon B;

(4) Tiċħad ir-raba’ talba fuq nuqqas ta’ provi;

(5) Tilqa’ l-ħames talba u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri qed tiġi fdata esklussivament f’idejn l-attriċi bil-kondizzjonijiet kollha hekk kif deskritti aħjar fil-paragrafu intitolat ‘**<u>Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja esklussiva tal-minuri b’aċċess favur l-intimat</u>**’ u b’aċċess favur l-intimat hekk kif deskritt ukoll fl-istess paragrafu msemmi;

(6) Tilqa’ s-sitt talba u tillikwida l-manteniment dovut mill-intimat lill-attriċi bħala manteniment għall-minuri fl-ammont ta’ mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba’ (4) ġimgħat hekk kif aħjar deskritt fil-paragrafu ntitolat ‘**<u>Dwar it-Talba għall-manteniment għall-minuri</u>**’ u skond il-modalitajiet imsemmija wkoll fl-istess imsemmi paragrafu;

(7) Tilqa’ s-seba’ talba limitatament billi tordna lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-ispejjeż ta’ attivita’ extra-kurrikulari waħda;

(8) Tilqa' t-tmien talba bil-mod hekk kif aħjar deskritt fil-paragrafu ntitolat '**<u>Dwar il-Modalita' tal-Ħlas tal-Manteniment</u>**' ċitat aktar 'il fuq.

Bl-ispejjeż hekk kif mitluba kontra l-intimat.

Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti kkunsidrat il-provi kollha prodotti quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien, inkluż l-affidavit esebit. Rat u kkunsidrat in-nota ġuramentata tal-attriċi[10] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha[11].

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat, naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u lanqas ma deher għall-udjenzi miżmuma mill-Qorti; Illi għalhekk huwa kontumaci, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tal-21 ta' April 2015[12]. Inoltre, rat illi l-partijiet kienu ġja waslu għal ftehim ta' separazzjoni bejniethom, liema ftehim ġie saħansitra awtorizzat minn din il-

[10] Fol.29 tal-proċess
[11] Fol. 342 tal-proċess
[12] Fol. 44 tal-proċess.

Qorti, iżda l-intimat naqas li jidher sabiex jiffirmah. Kien għalhekk li ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Ikkunsidrat ir-relazzjoni ppreżentata mill-imsemmija Perit Legali u l-argumenti minnha mressqa. Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-provi prodotti u tenut kont ukoll tal-ġjurisprudenza ċċitata mill-abbli Perit Legali, illi l-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali, kemm dawk legali kif ukoll dawk fattwali, huma korretti u parti kbira minnhom qegħdin jiġu abbraċċjati mill-Qorti.

Dwar il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, m'hemmx dubju li l-konvenut rrenda ruħu ħati ta' moħqrija fil-konfront tal-attriċi, meta kien juża r-rikatt emozzjonali u l-vjolenza psikoloġika fuqha, u għal nuqqasijiet żgħar tagħha kien jagħmel xahar ma jkellimhiex. Oltre li dana bl-ebda mod ma ġie kkontestat, il-Qorti tqis il-verżjoni tal-attriċi bħala waħda verosimili. Il-Qorti taqbel mal-abbli Perit Legali, illi fil-każ odjern, hemm raġunijiet biżżejjed biex jagħtu lok għas-separazzjoni tal-partijiet fuq ħtijiet tal-intimat.

Il-Qorti taqbel ukoll illi għab-bażi ta' dawn il-ħtijiet, għandha tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti tal-Artikolu 48(1)(a) u 48(1)(d) tal-istess Kodiċi, ossia d-dekadenza tal-intimat mid-drittijiet suċċessorji tiegħu fuq il-beni ta' martu, kif ukoll id-dekadenza mid-dritt tiegħu li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi.

Rigward ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, il-Qorti qiegħda żżomm ferm il-konklużjonijiet peritali, għajr għal dak li jirrigwarda l-modalita tal-bejgħ tad-dar matrimonjali. Dwar l-istess dar u l-garaxx anness magħha, (flimkien hawn imsejħa "il-propjeta`") sal-lum ma ġiet ippreżentata ebda valutazzjoni tagħhom għall-konsiderazzjoni tal-Qorti.

In vista ta' dan, il-Qorti tinnomina lill-Perit Arkitett Tancred Mifsud u tordnalu sabiex iżomm aċċess fl-imsemmija propjeta`, jivvalutaha fl-istat attwali tagħha u jippreżenta l-istess

valutazzjoni tiegħu, fi żmien xahar mil-lum, fl-atti ta' dan il-proċess.

Il-propjeta` immedjatament għandha titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess dar, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħha kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sentejn, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Rachel Mallia bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat ___________________________________ bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi.

Inoltré, sabiex ħadd mill-partijiet ma jostakola l-proċess tal-bejgħ tal-imsemmija propjeta`, il-Qorti qiegħda tordna l-iżgumbrament tal-partijiet mill-imsemmija dar fi żmien erba' xhur mil-lum. Sakemm id-dar effettivament tinbiegħ, il-partijiet jibqgħu iħallsu b'mod ugwali bejniethom il-kontijiet relattivi tagħha, inkluż dawl u ilma, inkluż ukoll il-pagamenti mensili tas-self relattiv u tal-poloz t'assikurazzjoni relattivi. Mal-kuntratt finali tad-dar, primarjament jitħallas il-kreditur li ffinanzjaha, ossia il-Bank of Valletta p.l.c., u sussegwentement ir-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Dwar il-mobbli, l-Qorti tabbraċċja l-konklużjonijiet tal-Perit Legali u cioe:

1. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha; iżda l-Qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' €1474.43, rappreżentanti sehmu mid-dejn gravanti l-credit card VISA ma' Bank of Valletta p.l.c., liema dejn, prevja l-ħlas hawn imsemmi, jiġi assenjat in toto lill-attriċi;

2. Il-kontijiet bankarji konġunti jingħalqu u l-bilanċ tagħhom jinqasam b'mod ugwali mill-partijiet;

3. L-attriċi tiġi assenjata il-vettura tal-marka Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni PAZ010 u kull dejn, ċitazzjoni jew responsabilita oħra abbinata magħha;

4. Il-konvenut jiġi assenjat il-vettura tal-marka Audi A6 bin-numru ta' reġistrazzjoni DIX017 u kull dejn, ċitazzjoni jew responsabilita oħra abbinata magħha;

5. Il-konvenut jiġi assenjat il-mutur tal-marka Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni F888 u kull dejn, ċitazzjoni jew responsabilita oħra abbinat miegħu;

Dwar il-kura, kustodja u aċċess tal-minuri S, il-Qorti tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-istess attriċi jkollha l-fakolta` li tottjeni l-ħruġ ta' passaport għall-minuri, mingħajr il-ħtieġa ta' firma, kunsens jew awtorizzazzjoni tal-intimat. Illi l-istess intimat ikollu aċċess għall-minuri, darbtejn fil-ġimgħa, tliet sigħat kull darba, li jiġi miftiehem bejn il-partijiet, skont il-ħtiġijiet u l-esiġenzi tal-istess minuri. In vista ta' dan l-aċċess, il-Qorti tordna illi r-residenza ordinarja tal-minuri sakemm dina tagħlaq tmintax-il sena tkun stabbilita hawn Malta.

Il-manteniment għall-istess minuri S, dovut mill-konvenut favur l-attriċi, jkun ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar u l-konvenut għandu jħallas ukoll nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa u nofs l-ispejjeż t'attivita extra-kurrikulari waħda. Il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u l-attriċi hija awtorizzata illi jekk tħoss il-ħtieġa, titlob li jinqata' direttament mill-paga tal-intimat. Il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm l-istess S tkun għadha tistudja full-time, jew sakemm tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dana minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikoli 48(1)(a) u 48 (1)(d) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwsiti eżistenti bejn il-partijiet; Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti skont dak illi ġie ġja deċiż iktar 'il fuq fl-istess sentenza;

4. Tiċħad ir-raba' talba stante nuqqas ta' provi;

5. Tilqa' l-ħames talba tal-attriċi u tafdaha bil-kura u l-kustodja ta' bintha minuri S Tun An F b'mod esklussiv, b'dana illi l-konvenut ikollu aċċess favur bintu, darbtejn fil-ġimgħa, tliet siegħat kull darba;

6. Tilqa' s-sitt u t-tmien talbiet attriċi b'dan illi l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar;

7. Tilqa' s-seba' talba limitatament, b'dan illi l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi, nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa tal-minuri u wkoll nofs l-ispejjeż ta' attivita extra-kurrikulari waħda;

Bl-ispejjeż tal-preżenti jiġu sapportati mill-intimat, inkluż l-ispejjeż tal-Perit Arkitett Tancred Mifsud nominat iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Fl-eventwalita ta' xi spejjeż u drittijiet Notarili

relatati mat-trasferiment tad-dar matrimonjali, dawna jkunu sapportati miż-żewġ partijiet f'ishma ugwali.